Draft

**A.L. -- tal-2020**

## ATT DWAR IL-PROVVISTI U S-SERVIZZI
## (KAP. 117)

## ATT DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-AMBJENT
## (KAP. 549)

## Regolamenti tal-2020 dwar Restrizzjonijiet fuq it-Tqegħid fis-Suq tal-Basktijiet tal-Plastik Ħfief

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3 tal-Att dwar il-Provvisti u s-Servizzi, u l-artikoli 54 u 55 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, il-Ministru għall-Ekonomija, Investiment u n-Negozji ż-Żgħar, u l-Ministru għall-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar, għamlu dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2020 dwar Restrizzjonijiet fuq it-Tqegħid fis-Suq tal-Basktijiet tal-Plastik Ħfief. Titolu.

**2.** (1) Dawn ir-regolamenti jġibu wkoll fis-seħħ d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva (UE) 2015/720 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-29 ta' April 2015 li tamenda d-Direttiva 94/62/KE rigward it-tnaqqis tal-konsum tal-basktijiet tal-plastik ħfief. Għan.

(2) L-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi u d-Dipartiment tad-Dwana għandhom jikkollaboraw u jikkooperaw fl-infurzar ta' dawn ir-regolamenti.

(3) Dawn ir-regolamenti ma għandhomx japplikaw għall-basktijiet tal-plastik li mhumiex intenzjonati għat-tqegħid fis-suq f'Malta.

Tifsir.

**3.** (1) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"basktijiet tal-plastik bijodegradabbli u kompostabbli" tfisser basktijiet tal-plastik ċertifikati minn korp akkreditat ta' valutazzjoni ta' konformità li jikkonformaw mal-istandard armonizzat l-EN 13432:2000 dwar ir-rekwiżiti għall-ippakkjar irkuprabbli permezz ta' kkompostjar u bijodegradazzjoni;

"basktijiet tal-plastik ħfief" tfisser basktijiet tal-plastik bi ħxuna ta' inqas minn ħamsin (50) mikroni;

"basktijiet tal-plastik ħfief ħafna" tfisser basktijiet tal-plastik bi ħxuna ta' inqas minn 15 mikroni u li huma meħtieġa għal skopijiet ta' iġjene jew ipprovduti bħala ppakkjar primarju għal-ikel sfuż meta dan jgħin il-pevenzjoni tal-ħela tal-ikel;

"basktijiet tal-plastik" tfisser basktijiet bil-widna jew mingħajr widna, magħmula mill-plastik, li huma fornuti lill-konsumaturi fil-punt tal-bejgħ ta'oġġetti jew prodotti;

"basktijiet tal-plastik li jistgħu jerġgħu jintużaw" tfisser basktijiet tal-plastik li nħollqu, li ġew iddisinjati u li tqiegħdu fis-suq biex matul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom jwettqu diversi vjaġġi jew rotazzjonijiet billi jimtlew mill-ġdid jew jintużaw mill-ġdid għall-istess skop li għalih kienu nħollqu;

"id-disponibilità fis-suq" tfisser kwalunkwe provvista ta' basktijiet tal-plastik għad-distribuzzjoni, konsum jew użu fis-suq f'Malta waqt attività kummerċjali, kemm bi ħlas jew mingħajr ħlas;

"plastik" tfisser polimer fis-sens tal-Artikolu 3(5) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li miegħu jistgħu jkunu żdiedu addittivi jew sustanzi oħra u li kapaċi jiffunzjona bħala komponent strutturali prinċipali tal-basktijiet;

"produttur" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li:

(a) hija stabbilita f'Malta u timmanifattura basktijiet tal-plastik biex jitqiegħdu fis-suq f'Malta;

Draft

(b) hija stabblita f'Malta u tqiegħed fis-suq ta' Malta, fuq bażi professjonali, basktijiet tal-plastik minn pajjiż terz jew minn Stat Membru ieħor tal-UE;

(ċ) tbiegħ basktijiet tal-plastik permezz ta' komunikazzjoni b'distanza kif definit fir-Regolamenti dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur direttament lill-konsumaturi f'Malta u hija stabbilita fi Stat Membru ieħor tal-UE jew pajjiż terz. L.S. 378. 17.

"punt ta bejgħ" tfisser kwalunkwe post tal-bejgħ, kemm mobbli jew immobbli, jew retail website jew faċilita' ta' bejgħ online simili, inkluż servizz tat-telefon;

"tqegħid fis-suq" tfisser id-disponibilità fis-suq f'Malta, għall-ewwel darba, ta' basktijiet tal-plastik.

Restrizzjonijiet dwar it-tqegħid fis-suq.

**4.** (1) Mill-1 ta' Jannar 2021, l-importazzjoni, l-akkwist intra-Komunitarju, u l-manifattura għaċ-ċirkolazzjoni fuq is-suq Malti, matul l-attività kummerċjali, ta' kwalunkwe basktijiet tal-plastik ħfief għandhom ikunu pprojbiti.

(2) Mill-1 ta' Jannar 2022, kwalunkwe provvista ta' basktijiet tal-plastik ħfief għad-distribuzzjoni, konsum jew użu fis-suq f'Malta, matul attività kummerċjali, kemm jekk bi ħlas kif ukoll mingħajr ħlas, għandhu jkun ipprojbit.

(3) Il-basktijiet tal-plastik li ġejjin għandhom ikunu eżentati mill-projbizzjonijiet imsemmija fis-subregolamenti (1) u (2):

(a) basktijiet tal-plastik ħfief ħafna

(b) basktijiet tal-plastik bijodegradabbli u kompostabbli; u

(ċ) basktijiet tal-plastik li jistgħu jerġgħu jintużaw.

(4) Produtturi ta' basktijiet tal-plastik bijodegradabbli u kompostabbli għandhom, meta japplikaw biex iġeddu ir-reġistrazzjoni tagħhom skont ir-regolament 21 (2) tar-Regolamenti dwar l-Ippakkjar u l-Iskart tal-Ippakkjar fil-Maniġġar tal-Iskart, jissottomettu ċ-ċertifikati maħruġa minn korp akkreditat ta' valutazzjoni ta' konformità li jindikaw li l-basktijiet tal-plastik bijodegradabbli u kompostabbli kollha mqiegħda fis-suq nazzjonali matul s-sena kalendarja jikkonformaw mal-istandard armonizzat EN 13432:2000: L.S. 549. 43.

Iżda dawn iċ-ċertifikati għandhom jkunu disponibbli għall-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi fuq talba tagħha u għad-Dipartiment tad-Dwana fil-punt ta' importazzjoni, akkwist intra-

Draft

Komunitarju, manifattura jew xort'oħra, meta jiġu mitluba.

(5) Il-basktijiet tal-plastik bijodegradabbli u kompostabbli għandhom ikunu ttikkettati skont l-ispeċifikazzjonijiet previsti fl-att ta' implimentazzjoni msemmi fl-Artikolu 8a tad-Direttiva 94/62 / KE.

Reati u pieni.

**5.** (1) Kull persuna li tikser jew tonqos milli tikkonforma mal-projbizzjonijiet taħt ir-regolament 4 għandha, meta tinstab ħatja, tkun ħatja ta' reat taħt dawn ir-regolamenti.

(2) Kull persuna li twettaq jew tipprova twettaq reat kontra dawn ir-regolamenti għandha, meta tinsab ħatja, tkun responsabbli:

(a) meta tinstab ħatja l-ewwel darba, multa li ma taqbiżx elf u ħames mitt euro (€1, 500);

(b) meta tinstab ħatja t-tieni darba jew wara, multa li ma taqbiżx elfejn u ħames mitt euro (€2,500):

Iżda l-qorti għanda tordna li kull persuna li tkun instabet ħatja li wettqet reat kontra dawn ir-regolamenti sabiex tħallas għall-ispejjeż magħmula minn xi waħda mill-awtoritajiet kompetenti bħala riżultat tal-imsemmi reat u barra minn hekk tordna l-konfiska tal-prodotti li għalihom ir-reat għandu x'jaqsam, anki jekk is-sid ma jistax ikun parti mil-proċeduri.

Kap. 9.

(3) Id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 23 u 30 (1) tal-Kodiċi Kriminali għandhom, *mutatis mutandis*, japplikaw għal proċedimenti fir-rigward ta' reati kontra dawn ir-regolamenti.

Draft